**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Clayton Castaldi**
**(ID 369184(M))**

**Illum, 8 ta' Frar 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Clayton Castaldi** ta' 26 sena, iben Dean u Anne nee` Tanti imwieled il-Pieta` fis-7 ta' Awwissu 1984 u residenti Blokk 1, Flat 7, Bini tal-Gvern, Ħamrun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 369184(M);

Akkużat talli fix-xahar ta' Jannar 2011 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, fil-fond 147 Snooker Hall li jinsab fi Triq Ħal Qormi, Marsa:

(1) Qiegħed fis-suq, immanifattura, għamel manutenzjoni jew ipprovda xi apparat rilevanti għall-logħob jew xi parti jew partijiet minnu, meta ma kellux liċenzja valida għal dan l-iskop maħruġa mill-Awtorita` kompetenti jew ma kienx eżenti minn dik il-ħtieġa ta' liċenzja dwar dak l-apparat rilevanti għall-logħob mill-istess Awtorita` kompetenti;

(2) U aktar fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, opera, ippromwova jew biegħ jew b'xi mod li jkun għen jew ħajjar l-operat, promozzjoni jew bejgħ ta' logħob mhux awtoriżżat;

(3) U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, xjentement ippermetta l-użu ta' xi post bil-għan ta' l-operazzjoni, il-promozzjoni, il-bejgħ jew il-logħob ta' xi logħba bi ksur ta' xi disposizzjoni tal-liġi jew ta' xi regolamenti magħmulin taħt xi liġi;

(4) U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel xi ħaġa mingħajr liċenzja ta' awtorita` kompetenti meta din il-liċenzja hija meħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-awtorita' kompetenti bis-saħħa ta' dik il-liġi;

(5) U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi ħaddem kazino mingħajr liċenzja maħruġa mingħand Awtorita' kompetenti.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 74(2) tal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor (Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex jittieħdu proċedimenti kriminali kontra l-imputat odjern dwar ksur tad-disposizzjonijiet tal-imsemmi Att, liema kunsens huwa datat 27 ta' Lulju 2011, iżda ġie esebit fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2012;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti ta' din il-proċedura jirriżulta illi l-imputat Clayton Castaldi ġie akkużat b'diversi reati li huwa allegatament wettaq f'Jannar tas-sena 2011 u fix-xhur ta' qabel din id-data, liema reati, fiż-żmien tal-każ odjern, kienu kkontemplati fil-każ tal-ewwel imputazzjoni, fl-Artikolu 7(1) tal-Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-każ tat-tieni imputazzjoni, fl-Artikolu 6 tal-Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-każ tat-tielet imputazzjoni, fl-Artikolu 70(1) tal-Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-każ tar-raba' imputazzjoni, fl-Artikolu 338(gg) tal-Kodiċi Kriminali u fil-każ tal-ħames imputazzjoni, fl-Artikolu 14 tal-Kapitolu 400 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jibda biex jingħad illi <u>r-raba' imputazzjoni</u> miġjuba kontra l-imputat, kif ingħad, tikkontempla r-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(gg) tal-Kodiċi Kriminali, preskrivibbli għalhekk b'terminu ta' tliet xhur ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali. Jirriżulta mill-atti illi l-imputat ma ġiex notifikat bl-imputazzjonijiet odjerni fi żmien tliet xhur mid-data tal-allegati reati, tant illi fil-waqt illi dawn jirreferu għal Jannar 2011 u x-xhur ta' qabel din id-data, iċ-ċitazzjoni odjerna ġġib żewġ timbri; wieħed bil-firma tal-Ispettur Kevin J. Farrugia bid-data tas-26 ta' Mejju 2011 u ieħor tal-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun

bid-data tas-27 ta' Mejju 2011. Dan ifisser illi ċ-ċitazzjoni żgur illi ma nħarġitx għan-notifika tal-imputat qabel dawn id-dati. Jirriżulta għalhekk illi meta l-Ispettur Farrugia ffirma din iċ-ċitazzjoni, l-azzjoni kriminali fir-rigward tar-reat mertu tar-raba' imputazzjoni diġa` kienet preskritta.

Illi jirriżulta in oltre illi l-kunsens tal-Avukat Ġenerali ngħata ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor (Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta), u ċioe` l-liġi applikabbli fiż-żmien li fih ingħata tali kunsens, liema Att ġie sussegwentement imħassar bid-dħul fis-seħħ tal-Att XVI tas-sena 2018.

Il-Qorti tinnota għalhekk illi fir-rigward tal-ħames imputazzjoni li tikkontempla r-reat taħt l-Artikolu 14 tal-Kap. 400 tal-Liġijiet ta' Malta, illum ukoll imħassar bis-saħħa tal-Att XVI tas-sena 2018, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma esebietx il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 48 tal-istess Kap. 400. Skont dan l-artikolu, l-ebda proċediment dwar reat taħt l-imsemmi Att m'għandu jibda mingħajr il-permess tal-Avukat Ġenerali. Għalkemm dan il-każ jirrisali għas-sena 2011, il-Qorti baqgħet sprovvista minn dan il-permess. Isegwi għalhekk illi l-Prosekuzzjoni ma setgħetx tmexxi bi proċeduri kontra l-imputat għal reat taħt il-Kapitolu 400, stante li l-kunsens tal-Avukat Ġenerali huwa rikjest mil-ligi *ab initio* u *ad validitatem* u wisq anqas tista' l-Qorti tieħu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames imputazzjoni.

In sostenn tal-ħames imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

i. Fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2014, **il-Prokuratur Legali Quentin Tanti**, in rappreżentanza ta' l-Awtorita` ta' Malta għat-Turiżmu xehed illi l-istabbiliment 147, Snooker Hall fi Triq Ħal Qormi, Ħamrun kien, fiż-żmien relattiv, liċenzjat bħala *bar* u *snack bar*. Skont id-dokumenti esebiti mix-xhud, il-liċenzja in kwistjoni nħarġet f'isem Colin Pace, filwaqt illi skont l-istess dokument u anke mix-xhieda tal-istess xhud jirriżulta illi l-imputat kien reġistrat bħala *substitute* b'effett mit-22 ta' Ġunju 2006 u li kien għadu hekk reġistrat sad-data ta' din ix-xhieda.[1]

ii. Fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2016 **Paul Demajo Albanese** in rappreżentanza tat-*Trade Licensing Unit* xehed illi ma nħarġet l-ebda liċenzja min-naħa ta' dan id-Dipartiment fil-konfront tal-imputat.[2]

iii. Fl-istess seduta, **Alexis Falzon** in rappreżentanza tal-Awtorita` ta' Malta dwar il-Logħob xehdet illi Clayton Castaldi (li tiegħu ma

[1] A fol. 20 *et seq* tal-proċess.
[2] A fol. 40 *et seq* tal-proċess.

pprovdietx in-numru tal-karta tal-identita`) ma kellu l-ebda permess mal-istess Awtorita`.[3]

iv. Fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2017 **Edmond Galea** in rappreżentanza tal-Awtorita` ta' Malta dwar il-Logħob xehed illi l-imputat qatt ma ngħata liċenzja jew permess sabiex jopera fil-qasam tal-logħob mis-sena 2011 'il quddiem.[4]

v. Fl-istess seduta, **Etienne Attard**, *Gaming Inspector* fi ħdan l-Awtorita` ta' Malta dwar il-Logħob, xehed illi fit-30 ta' Jannar 2011 flimkien mal-kollegi tiegħu Philippe Warzee, Joseph Falzon u Ivan Cachia għamlu spezzjoni fil-ħanut 147 fil-Ħamrun, fejn kif daħlu huma ntroduċew ruħhom ma' sid il-fond, Clayton Castaldi. Jgħid illi waqt illi kienu qed jagħmlu spezzjoni fil-fond, flimkien mal-Pulizija, f'kamra fuq ġewwa, "*under lock and key*"[5], instabu żewġ *poker tables* li jintużaw għat-*tournaments* b'żewġ settijiet ta' ċippi bil-valuri f'dollari, u *cabinet draw* li tittrasforma ruħha fi *slot machine,* liema *cabinet* kien jinkorpora *monitor, validator* biex jiġu aċċettati l-flus u *push button* sabiex tintlagħab il-logħba, liema apparat kif inxtegħel, fi kliem ix-xhud *"telgħet megajack"*[6], logħba li x-xhud jgħid li tinstab fil-każinos f' Malta u li hija manifatturata minn *Casino Technology*, u dan filwaqt li esebixxa *profile* provdut mill-manifattur dwar x'fiha din il-logħba.[7] Huwa jixhed fir-rigward illi *"This is a multiple choice game fejn għandek 12-il logħba fosthom għandek logħob tal-poker u logħob li huwa five liner u ovjament tibbettja u għandek ċans ta' rebħ"*.[8] Jgħid ukoll illi dawn l-oġġetti ġew elevati mill-pulizija.[9]

Il-Qorti rat ukoll id-dokument esebit mix-xhud bħala Dok. EA[10], konsistenti f'notamenti li huwa rrefera għalihom matul ix-xhieda tiegħu, fejn jingħad illi sid il-*bar*, li għalih issir referenza fl-istess notamenti bħala 147 Bar Ħamrun, kien Clayton Castaldi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 396184(M) u li fuq il-post kienu aċċeddew il-persuni li ssemmew flimkien mas-Surġent Conrad Debattista akkumpanjat minn erba' Uffiċjali tal-Pulizija. Mill-bqija f'dan id-

[3] A fol. 42 tal-proċess.
[4] A fol. 48 *et seq* tal-proċess.
[5] A fol. 52 tal-proċess.
[6] A fol. 52 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 55 *et seq* tal-proċess.
[8] A fol. 52 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 51 *et seq* tal-proċess.
[10] A fol. 50 tal-proċess.

dokument jirriżulta dak li nstab fil-fond, inkluż fil-kamra msakkra, in linea ma' dak li xehed ix-xhud.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jibda biex jingħad illi filwaqt illi ċ-ċitazzjoni odjerna tirreferi għall-fond 147 Snooker Hall li jinsab fi Triq Ħal Qormi, Marsa, mix-xhieda ta' Etienne Attard, li huwa l-unika xhud dwar l-ispezzjoni li saret fit-30 ta' Jannar 2011, u dwar dak li nstab fil-fond li, skont hu, tiegħu l-imputat kien is-sid, jirriżulta illi l-fond fejn saret din l-ispezzjoni kien il-ħanut 147 fil-Ħamrun, u li skont in-notamenti esebiti minnu kien 147 Bar Ħamrun.

Għalhekk filwaqt illi ċ-ċitazzjoni odjerna tirreferi għal atti li allegatament seħħew ġewwa l-fond 147, Snooker Hall, Triq Ħal Qormi, Marsa, il-provi tal-Prosekuzzjoni jirreferu għal dak li nstab ġewwa l-ħanut 147 fil-Ħamrun, jew 147 Bar Ħamrun.

Fil-każ odjern, għalhekk, l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu għal atti li allegatament seħħew f'lok partikolari, filwaqt illi mill-provi ma jirriżultax li seħħew xi atti allegatment illegali f'dak il-lok, iżda f'lok li ġie indikat xort'oħra fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Veru illi ġie ppruvat illi l-imputat kien reġistrat bħala *substitute* tal-fond indikat fiċ-ċitazzjoni odjerna fiż-żmien tal-każ odjern, iżda oltre dan, il-Prosekuzzjoni kellha tipprova illi r-reati addebitati lill-imputat fil-fatt seħħew fil-lok indikat fiċ-ċitazzjoni, liema prova baqgħet ma nġabitx. Għaldaqstant l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tal-imputat ma jirriżultawx sodisfaċentement ippruvati.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, qed issib lill-imputat **Clayton Castaldi** mhux ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qed tilliberah minnhom, u wara li rat l-Artikoli 338(gg) u 688(f) tal-Kodiċi Kriminali tiddikjara l-azzjoni kriminali fir-rigward tar-raba' imputazzjoni bħala preskritta u għaldaqstant, tillibera lill-istess imputat minn kull ħtija u piena dwar l-istess.

In oltre għar-raġunijiet fuq mogħtija, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames imputazzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat